# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **24 TA' SETTEMBRU 2017**

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**
Illum / Għada, il-Ħadd 24 ta' Settembru 2017 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-trabi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Bazaar Banda Sant'Anna**
Matul dan il-weekend fis-Sala San Ġwakkin qed issir Bazaar mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 25 ta' Settembru 2017 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Lectio Divina**
It-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 fis-7.00pm ikollna l-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fit-8.00pm. Inħeġġiġkom sabiex iġibu magħkom il-Bibbja.

**Katekiżmu fiċ-Ċentru tal-Munxar**
Bejn is-26 u t-28 ta' Settembru 2017 mill-5:30pm sas-6:30pm issir ir-reġistrazzjoni tat-tfal tal-Year 1 u Year 2 li jattendu fiċ-Ċentru tal-Munxar.

**Caritas Social Club**
Nhar it- Tlieta 26 ta' Settembru fid-9.15 am fis-sala Sant'Anna , se jibdew il-laqghat tas-Social Club Caritas. Kulhadd huwa mistieden li jattendi.

**Seminar għall-Operaturi Pastorali**
Il-Ġimgħa 29 ta' Settembru 2017 qed jiġi organizzat Seminar għall-Operaturi Pastorali jiġifieri għall-persuni kollha involuti fil-Parroċċca tagħna. Niltaqgħu għall-Quddiesa tas-6:30pm u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna u nibdew il-laqgħa flimkien. Jekk jogħġobkom idħlu fis-sagristija u ħudu karta ta' applikazzjoni.

**Tberik tal-Basktijiet tal-Iskola**
Il-Ħadd 1 ta' Ottubru 2017 ser isir it-tberik tal-basktijiet tal-iskola fil-quddiesa tad-9:15am. Il-ġenituri huma mħeġġa jġibu lil uliedhom għal din il-quddiesa li fiha ser jitbierku l-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika l-ġdida.

**Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna**

Dawk il-ġenituri tat-tfal ta' Year 1 li se jibagħtuhom Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna għandhom iġibu t-tfal nhar l-Erbgħa, 4 ta' Ottubru fil-5.00.pm. u nirreġistrawhom dak il-ħin.

**Katekiżmu fiċ-Ċentru tal-MUSEUM**

Iċ-ċentru tal-Museum qed jilqa' r-reġistrazzjonijiet tat-tfal li twieldu fis-sena 2011 u li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fis-sena 2018. Il-ġenituri jistgħu jiktbuhom il-Museum stess bejn il-5:30pm sas-7:30pm barra nhar ta' Erbgħa.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn il-31 ta' Jannar 2018 u d-9 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm aktar 'il quddiem.

**Grazzi lil Andrew Cassar u Merħba lil Lawrence Cachia**

Ngħidu GRAZZI lil Andrew Cassar li trabba u ta servizz fil-qasam tal-Museum ta' Marsaskala. Andrew Cassar intalab sabiex jibda jagħti servizz fil-Museum ta' Ħaż-Żabbar. Fl-istess ħin nagħtu MERĦBA lil Lawrence Cachia, li ntalab mis-Soċjetà tal-Museum sabiex jibda jagħti servizz fil-Museum ta' Marsaskala. Nawgurawlhom u nwiegħduhom it-talb tagħna.